MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 341/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors  tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti izzewgu fil-15 ta’ Lulju 2006 (Dok A);

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fit-12 ta' Gunju 2009, fl-atti tan-nutar Patricia Hall Pool (Dok B);
3. Illi qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-kontendenti kienu ilhom separati *de facto* minn Frar 2009;
4. Illi ghalhekk il-kontendenti ilhom aktar minn hames snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
5. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar il-manteniment;
6. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u / jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi :

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-15 ta' Lulju 2006;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat ir-risposta tal-intimata illi giet ikkonfermata minnha bil-gurament, li pemezz taghha eccepiet :

Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors de quo nhar is-7 ta' Ottubru 2014;

Illi b'risposta ghar-rikors de quo, l-esponenti tissottometti li l-fatti kontenuti huma korretti u ghalhekk mhux qeghda tikkontesta u/jew topponi ghat-talba tar-rikorrenti;

Illi l-esponenti thoss li l-ispejjez marbuta ma dan id-divorzju ghandhom jigu sopportati esklussivament mir-rikorrenti stante' li huwa r-rikorrenti li istitwixxa dawn il-proceduri;

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' dina il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Settembru, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Gunju 2009 u de facto separati ghal aktar minn hames snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda kwistjoni pendenti dwar manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------